MALTA

ATT Nru. IV ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15.

ACT No. IV of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 15.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

13 ta' Marzu, 1984

ATT Nru. IV ta' l-1984

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 308 tal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 308 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-beni immobbli jkunu wżati jew maħsuba li jiġu wżati bħala lukanda, kursal jew fabbrika, ma ssir ebda stima qabel il-bejgħ fi-irkant ta' dawk il-beni immobbli u ta' kull artijiet, bini jew amenitajiet, konnessi magħhom jew komplimentari għalihom, għal kollox jew f'parti, jew tal-jeddijiet imgħaqqdin ma' dawk il-beni jew ta' l-għamara u oġġetti mobbli, impjant, makkinarju u tagħmir ieħor, li jgħammru jew iservu għall-użu ta' xi beni bħal dawk Għall-finijiet ta' dan il-proviso "kursal" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Kursal."

Ord. XVI ta' l-1962

Emenda ta' l-artikolu 325 tal-liġi prinċipali.

3. Minnufih fit-tarf ta' l-artikolu 325 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhom japplikaw għal bejgħ ta' xi beni msemmija fil-proviso għas-sub artikolu (1) ta' l-artikolu 308.".

Emenda ta' l-artikolu 327 tal-liġi prinċipali.

4. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 327 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal bejgħ ta' xi beni msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 308.".

5. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 328 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 328 tal-liġi prinċipali.

"(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal bejgħ ta' xi beni msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 308.".

6. Minnufih wara l-proviso għall-artikolu 356 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 356 tal-liġi prinċipali.

"Iżda wkoll il-jedd ta' fidwa ma jistax jiġi eżerċitat dwar bejgħ ta' xi beni msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 308.".

7. Minnufih wara l-proviso għall-artikolu 357 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 357 tal-liġi prinċipali.

"Iżda wkoll dak il-jedd ma jistax jiġi eżerċitat dwar bejgħ ta' xi beni msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 308.".

8. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal proċedimenti għall-bejgħ bl-irkant li jkunu diġà pendenti fil-ġurnata li tiġi minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att. Dispożizzjoni tranżitorja.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 161 tat-12 ta' Marzu, 1984.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati